**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 171/97

Joseph Schembri

vs

Chairman Shipbuiling Company Limited

Illum 12 ta' Dicembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987/88 huwa sofra ingustizzja f'li ma setghax japplika ghall-grad ta' Manager u li dam ghal madwar tlett snin ma jinghatax xoghol x'jaghmel.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa kien ilu jahdem mal-Malta Shipbuilding mill-1975 u qabel ma telaq minn mal-kumpanija kien fil-grad ta' Foreman III. Huwa kien responsabbli mill-mastrudaxxi tal-kumpanija. Kemm dam jahdem mal-kumpanija huwa dejjem kellu rapporti tajbin dwar ix-xoghol tieghu u kien imfahhar mis-superjuri tieghu.

Fil-1987 kienu hargu sejhiet ghall-Managers fid-dipartimenti kollha barra fid-dipartiment li kien jahdem fih huwa. L-applikazzjoni ghall-Manager fuq il-mastrudaxxi ma hargietx ghax is-Sur Joseph Schembri kien l-uniku persuna eligibbli li setgha japplika. Fil-fatt fil-1988 kien ingieb Manager, is-Sur Charles Xuereb, mill-Marsa Drydocks u awtomatikament gie hu responsabbli mill-mastrudaxxa. Donnu dan ma kienx bizzejjed li gie mcahhad li jkun jista' jsir Manager ghax lanqas kien qieghed jithalla jaghmel ix-xoghol tieghu. Huwa kemm il-darba talab lill-Manager biex jithalla jahdem u anke talbu biex jghinu fix-xoghol tieghu. Dan kien kollu ghal xejn. Fil-fatt hu ghadda minn martirju kbir u anke kellu jidhol l-isptar konsegwenza li ma kienx qieghed jinghata xoghol. Fil-fatt l-uniku soluzzjoni li kellu kienet li jitlaq mix-Shipbuilding. Huwa dam madwar tlett snin ma jinghata l-ebda xoghol.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal

ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ta' Manager mid-data msemmija hawn fuq kif ukoll jigi kkumpensat minhabba d-dipressjoni li kien fiha peress li ma nghatax xoghol, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-istess Chairman Shipbuilding Co. Ltd. li eccepixxa:

1. Illi ma jidhirx illi l-ilment tar-rikorrent jinkwadra ruhu fid-dispost tal-Artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997 u konsegwentement dan it-Tribunal huwa inkompetenti li jiehu konjizzjoni tal-materja.

2. Illi mill-personal file tar-rikorrent jirrizultaw dawn il-fatti:

(a) Huwa dahal fl-impjieg bhala Foreman mal-kumpanija fit-2 ta' Mejju 1977.

(b) Fl-1 ta' Dicembru 1979 huwa gie appuntat ghall-Technician Officer :

(c) Fl-1 ta Gunju 1986 il-grad tar-rikorrent sar dak ta' Foreman III.

(d) Ir-rikorrent spicca mill-impjieg fit-3 ta' Frar 1995 u dan taht l-Iskema Early Retirement Scheme "B".

3. Kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti jrid jinghad ukoll illi fit-30 ta' Gunju 1987 inharget Cirkolari Numru 100/87 ghall-post ta' Woodwork Manager II, izda l-ebda impjegat ma applika ghal dan il-post, kompriz ir-rikorrenti. In effetti kellha tinhareg External Call for applications u kien konsegwenti ghal din is-sejha li ntghazel Carmel Xuereb.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma l-fatti msemmija fir-rikors. Beda jahdem bhala foreman mal-Malta Shipbuilding fit-2 ta' Mejju 1978 u kellu access ghax-xoghol kollu li kien jaqa' taht is-sezzjoni tieghu u ghalhekk kellu access ghal kull ufficcju u hanut tal-Malta Shipbuilding. Ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 1987 fix-shipbuilding bdiet tinxtered ix-xniegha li kien sejjer ikun hemm manager inkarigat mill-mastrudaxxi liema xniegha ir-rikorrent sar jaf biha wara li kellu diskursata mas-Sur Anglu Cassar.

Dan kollu sehh mal-bidu tas-sena 1988. Infatti fl-ewwel granet ta' Jannar 1988 gie mpjegat minn barra ix-Shipbuilding Charles Xuereb. Appena Xuereb dahal max-Shipbuilding lir-rikorrent ordalu biex ma jersaqx lejn l-Administration Block, biex ma jersaqx lejn il-hanut tal-mastrudaxxi li kien jinsab fl-ewwel sular, biex ma jiffirmax formoli ghall-impjegati li jwegghu fuq ix-xoghol.

Ha mill-possess tieghu ic-cwievet kollha tal-hwienet tal-mastrudaxxi, u waqqfu milli jaghmel l-overtime, beda jaqbzu billi kien jaghti l-ordnijiet dirett lic-Chargemen ta' tahtu u hallih ma jaghmel prattikament xejn.

Sostna li saret ingustizzja mieghu ghar-raguni li meta saret internal call ghall-post ta' manager tal-mastrudaxxi hu gie maqbuz u din il-call jew b'intenzjoni jew b'xi nuqqas qatt ma waslet ghandu w ghalhekk gie ingustament maqbuz.

In kontro ezami r-rikorrent semma li m'ghadux jahdem max-shipbuilding ghax kien boarded out taht l-iskema tal-"Early retirement scheme" u ha 2/3 tal-paga bhala pensjoni. Semma li l-linja tieghu hija ta` woodwork manager u l-ilment specjalment kien ghax sar wiehed minn barra u mhux minn gewwa. Sostna li dak iz-zmien ma kienx jaf li kienet harget cirkolari interna ghal woodwork manager 2. Semma li la kien jaf bl-internal call u anqas bl-external call. Zied jghid: "Jiena sirt naf biss minghand Angelo Cassar li kien qalli "taf li ghandu jigi manager". Hassejtni offiz b` dak li gara wara mhux bil-fatt li gie manager. Ma ghamilt ebda oggezzjoni fuq dan kollu la jiena personalment u anqas mal-

General Workers Union. L-akbar offiza kienet tkun meta kien jidhol fl-ufficcju tieghi u jaghti l-ordnijiet lin-nies ta` tahti."

Tarcisio Deguara li ilu mal-Malta Shipbuilding mill-1977 skrivan fl-ufficcju tal-mastrudaxxi bhala writer xehed li ma kien osserva xejn daqshekk stramb bejn Xuereb u r-rikorrent. Dwar ic-cirkolari li qeghda esebita fol 6 tal-process irrisponda li din ma kienx ra. Hassu li gie Xuereb bhala manager bhala sajjetta fil-bnazzi. Qal li avviz fuq il-gazzetti ghal manager ma kienx ra.

Ganni Hili li qabel kien jahdem is-Shipbuilding xehed li jaf lir-rikorrent. Semma li fl-1988 fil-fatt kien gie manager gdid, certu Xuereb. Qabel kien imexxi siehbu r-rikorrent. Ma kien hareg ebda avviz fuq ebda notice board li kien sejjer jigi mahtur xi hadd bhala manager. Zied li ma ra ebda avviz fil-gurnali. Zied li l-ilment tar-rikorrent dwar Xuereb kien li ma kienx jaghtihom xoghol.

Carmel Xuereb xehed li dahal jahdem max-Shipbuilding Co. Ltd. fl-4 ta` Jannar 1988 u dan bhala Woodwork Manager wara li harget call for applications fuq il-gazzetti. Sostna li lir-rikorrent kien iqabbdu xoghol. Qal li fl-1991 ir-rikorrent ha Lm1297 allowance taht l-Incentive Scheme. Fl-1992 ha Lm699 allowance u Lm66 overtime. Fl-1993 ha Lm404 overtime u allowances Lm27.50. Fl-1994 ha Lm245 overtime pay u Lm27 allowance. Semma li minghand il-management kellhom direttiva biex inaqqsu l-overtime. Cahad li qal lir-rikorrent biex ma jitlax l-administration block. Dwar l-overtime tar-rikorrent zied li 1988 ma kienux inizzluhom, waqt li fl-1989 ghamel Lm22.45 overtime u Lm4.26

allowance, fl-1990 allowance kellu Lm202 u overtime ma kienx hemm. Imbaghad tbiddlet is-sistema u dahlet is-sistema tal-incentive scheme.

Anglu Cassar li qabel kien jahdem il-Malta Shipbuilding fil-Human Resources Personnel and Training Manager xehed li "Dwar ic-cirkolari li tinsab a fol 6 tal-process niftakar li fil-fatt kont hrigtha jiena. Dak iz-zmien, u nahseb ghadha llum, il-procedura kienet li meta tohrog applikazzjoni ghal xi post l-ewwel tohrog internament. Fil-fatt din hekk kienet harget ukoll. Is-sistema hija li l-Personnel Department jibghata lil numru ta` messaggiera li jiehdu hsieb li tasal f` kull dipartiment. Ahna fil-fatt ma konniex nibghatu kopja wahda izda konna nibghatu diversi kopji. Wahda kienet titwahhal man-notice board, imbaghad kien ikun hemm xi kopji li kienu jigu moghtija lill-foremen, l-imghallmin jew managers. Jidhirli li dak iz-zmien Schembri kien foreman 3."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent jolqot l-aspett:

1. tal-promozzjoni jew hatra ghal Manager;
2. nuqqas ta' overtime.

Dwar il-hatra jirrizulta li harget call interna skond ix-xhieda ta' Anglu Cassar. Ir-rikorrent u ohrajn semmew li ma rawx din l-applikazzjoni. Semmew li lanqas fuq il-gazzetti ma harget izda l-intimat gab il-gazzetti stess bhala prova ta' dan. Semmew li ma jaqrawx gazzetti. Izda dan mhux sufficjenti biex iwassal lir-

rikorrent biex jipprova li saret ingustizzja. Irrizulta car li r-rikorrent ma applikax. Hu jsostni li ma kienx jaf pero' dan mhux sufficjenti biex jipprova ingustizzja. Ghaldaqstant dwar l-ilment fuq in-nuqqas ta' promozzjoni jilqa' it-tielet eccezzjoni tal-intimat.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll fuq in-nuqqas ta' ghoti ta' overtime. Fil-kawza fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Direttur Generali Management and Personnel deciza mit-Tribunal fid-9 ta' Mejju, 2000, it-Tribunal qal:

"F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) (c) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga…"

Issa l-ilment in ezami jirriferixxi ghal zewg aspetti u cioe' li r-rikorrent ma inghatax facilitajiet sabiex jattendi l-Unversita' minghajr ma jitlef is-salarju bhal impjegati ohra, u sekondarjament dwar nuqqas ta' ghoti ta' overtime. Ebda wiehed minn dawn l-ilmenti ma jissemmew fl-artikolu 6 tal-Att. Huwa veru li dan it-Tribunal gieli qis nuqqas ta' hlas ta' overtime li rikorrent ma jkunx thallas tieghu, izda dan dejjem riferibbli ghal nuqqas ta' hlas dovut ghal aspetti ohra msemmija fl-Att bhal transfers jew promozzjonijiet. Huwa veru wkoll li t-Tribunal dejjem irritjena li ma tistax tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva izda hawn il-kwistjoni hi li l-ilmenti tar-rikorrent totalment ma jinkwadrawx ruhhom f'dak imsemmi mill-legislatur."

Ara wkoll Charles Debono vs Direttur Generali tal-Edukazzjoni deciza fid-9 ta' Gunju, 2000.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent dwar overtime tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal, u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar l-inkompetenza ***ratione materiae***.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.